MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 28/2012

**Salvatore Grech**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li pprezenta r-rikorrent fl-24 ta’ April, 2012, li jaqra hekk:

L-esponent qieghed akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Salvatore Grech, kaz numru 745/2001, liema kawza hija differita sine die quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima;

F’dik il-kawza l-Imhallef Dr. Gino Camilleri bhala xhud tal-Prosekuzzjoni dam sitt xhur ma ngieb biex jixhed mill-Prosekuzzjoni, ghalkemm l-ingunzjoni giet notifikata lilu fid-9 ta’ Jannar, 2002, u ghal dan id-dewmien ma ttiehdu l-ebda provvedimenti mill-istess Qorti;

Li f’din il-kawza kriminali, il-Qorti nnominat l-unika tabib f’Malta li abbuza mill-pazjent tieghu, instab hati tar-reat mill-Bord Mediku, maqtugh mir-Registru Mediku, u qatt ma nhargu proceduri kriminali mid-dipartiment tal-investigazzjoni kontra dan it-tabib;

Dan jikkostitwixxi nuqqas ta’ smiegh xieraq u mparzjali fi zmien ragjonevoli da parti ta’ l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6 (3d) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap. 319);

Illi f’din il-kawza l-akkuzat, Mr. Grech pprezenta Rikors Kostituzzjonali, Rikors Numru 11/2003 NC, fejn talab li dik il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ivvjolat id-dritt tieghu ta’ smiegh xieraq kontemplat fl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6(3d) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap. 319), u taghtih kull rimedju billi taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa ghal dak il-ksur;

Illi l-Qorti ma sabet xejn li jikkostitwixxi nuqqas ta’ smiegh xieraq ghalkemm f’kaz simili ‘Il-Pulizija v. Jeremy Paul Bonello ID:008357)’, il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Silvio Meli, tat l-Artikolu 338 Kap. 9 fl-ewwel gurnata ta’ smiegh tal-provi tal-Prosekuzzjoni;

Illi d-decizjoni ta’ dan ir-rikors appellat giet riferita lill-Kummissjoni ta’ l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja Malta (CAJ Malta) fis-16 ta’ Frar, 2005, biex tinvestiga l-andament ta’ din il-Qorti skont l-Artikolu 101A (11) a, f, g, h tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

Illi din ir-riferta ghadha qeghda tistenna risposta, u l-kawza ‘Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Salvatore

Grech’, kaz numru 745/2001 hija differita sine die quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima;

Illi l-Ispettur Paul Camilleri fix-xhieda tieghu tas-27 ta’ April, 2004, ikkonferma fil-Qorti, li l-proceduri legali kontra l-akkuzat huma sospizi sakemm dawn il-proceduri jigu konkluzi;

Illi f’dan iz-zmien wara Frar 2005, il-Qorti tal-Magistrati Malta harget proceduri legali ohra kontra Salvatore Grech: Civil Case 480/2005, Criminal Case 28, 4th May 2006, and Bailiffs Execution Warrant No. 19/2007, u li dan jikkostitwixxi nuqqas ta’ smiegh xieraq u imparzjali da parti ta’ l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6 (1) (Kap 319), peress li hemm proceduri legali pendenti ta’ rregolaritajiet tal-funzjoni tal-Qorti fil-CAJ Malta;

L-esponent, qieghed akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza ‘Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Salvatore Grech’, kaz numru 28 tal-4 ta’ Mejju, 2006, liema kawza hija differita ghal-25 ta’ April, 2012, quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima.

Illi f’din il-kawza, l-Ispettur Joseph Agius, bhala Prosekutur, Police PS1386 Anthony Agius u Giovanni Sinagra bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni taw informazzjoni lill-Qorti bil-gurament li m’hijiex vera. Mr. Sinagra kien assistit min Dr. Martin Fenech. L-akkuzat ma kienx assistit minn avukat u l-Qorti ma taghtux avukat skont l-Artikolu 89 Kap. 12;

Illi dan jikkostitwixxi nuqqas ta’ smiegh xieraq da parti ta’ l-istess Prosekuzzjoni u skont Art. 106 Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa reat kriminali.

Illi l-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima, organizzat u accettat din l-informazzjoni hazina bil-gurament;

Illi dan jikkostitwixxi nuqqas ta' smiegh xieraq u imparzjali da parti ta' l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6(1) (Kap 319). Ukoll illi skont l-Art. 107 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa reat kriminali.

Illi l-informazzjoni li l-akkuzat Salvatore Grech kien prezenti l-Qorti f'Awla 3, fid-19 ta' Lulju, 2006 m'hijiex vera. Il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima harget dokument (kopja ta' court sitting tad-19 ta' Lulju, 2006) li ma tistax tkun vera. Dakinhar Mr. Arturu Desira kien qieghed jakkompanja lill-esponent u xehed li dakinhar il-kawza kienet differita f'Kumitat tal-Avukati, il-Palazz il-Belt;

Ukoll fi proceduri civili li nhargu f'Awissu tal-2005, fil-Qorti ta' Malta Magistrat Joseph Apap Bologna rrifjuta assistenza legali lil Salvatore Grech, fil-kawza 480/2005 Sinagra vs Grech, skont Art. 89 Kap. 12, u li dawn il-proceduri jikkostitwixxu nuqqas ta' smiegh xieraq, u imparazjali da parti ta' l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319);

Illi din il-kawza (480/2005 Mag. J.A.B.) giet deciza fl-assenza tal-konvenut;

Illi fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, l-esponent f'Awissu ta' l-2006, talab permess lill-Qorti biex isiefer l-Ingilterra u jkun jista' jfittex parir legali. L-avukat u t-tabib tal-medicina taw lill-esponent parir li ma jsifirx lejn Malta;

Illi l-Qorti harget Bailiffs Execution Warrant No. 19/2007 li jikkostitwixxi nuqqas ta' smiegh xieraq u mparazjali da parti ta' l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) ghax kemm il-Qorti Kostituzzjonali u l-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja Malta (CAJ Malta) ma taw ebda istruzzjoni li l-Qorti tista' tipprocedi kontra l-esponent.

Illi l-esponent rega’ lura Malta wara li CAJ Malta infurmatu li l-Qorti rtirat x-xhieda mill-kawza 28 Magistrat Padovani Grima 4th May, 2006;

Illi s-sentenza Kostituzzjonali ma qisitx sewwa d-dewmien fil-proceduri kriminali kontra l-esponent. Bizzejjed jinghad li kienu ilhom sejrin diversi snin. Lanqas ma kienet korretta is-sentenza fuq il-fatti tad-differiment. Is-sitt xhur li nhlew biex il-pulizija gabet lill-Imhallef Gino Camilleri jixhed ma semmithomx.

Is-sentenza appellata dan ma ratux u ma qieset xejn li l-esponent huwa bniedem u qieghed taht l-inkubuta process kriminali. Dak ix-xhud kellu jigi prodott fis-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2002. Dakinhar, il-Qorti staqsiet lill-Ispettur Prosekutur jekk ix-xhud kienx notifikat biex jidher. Dak l-ufficjal ikkonferma li kien notifikat. Il-Qorti stenniet, imbaghad staqsiet diversi drabi jekk kienx gej jixhed. Izda x-xhud baqa’ ma deherx. Ghal din is-seduta kienet prezenti Josephine Callus li semmiet dan fix-xhieda li tat fit-28 ta’ Ottubru, 2003, fil-kawza kostituzzjonali;

Illi l-esponent ihoss li m’huwiex qed ikollu ‘fair trial’ u mhux qed jircievi trattament tajjeb mill-Qorti kif titlob il-Kostituzzjoni ta’ Malta. Dan gara anke fl-imghoddi. Fil-kawza tal-Bord li jirregola l-Kera, il-Magistrat Gino Camilleri fit-8 ta’ Ottubru, 1992 spjega lill-esponent, lill-avukat ta’ l-intimat u lill-intimat stess, li l-Bord kien kompetenti u ghala. Dan kien meta l-esponent esebixxa dokument tal-housing department li juri li Giljan Abela, l-inkwilin tieghu, applika ghall-post alternattiv u c-cedola tal-flus tal-kera depozitati l-Qorti. Imbaghad, il-Magistrat iddecieda xort’ohra.

Fl-Appell fis-6 ta’ Frar, 1996, il-Prim’ Imhallef spjega r-raguni li l-Bord kien kompetenti, u fis-27 ta’ Frar, 1996, il-Qorti ddecidiet li l-Bord m’huwiex kompetenti u dan fuq motiv sorpriza ghax ma kienx trattat u anqas biss issemma’ fit-trattazzjoni ta’ l-Appell fis-6 ta’ Frar, 1996.

L-esponent mhux qed ikollu 'a fair trial' la mill-Qorti Civili u lanqas minn dak Kriminali. U kemm ser idum jittawwal il-process Kriminali 745/2001?

L-esponent jaghmel referenza ghall-kaz 'Stamuller vs Austria', fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

"There is no confusion between the stipulation in article 5 (3) and article 6 (1) … the latter's aim is to protect the parties to a cause against excessive procedural delays: it cuts down on the time of uncertainity. (ref. 12 Y.B. 364, pagna 74)". Dan huwa applikabbli ghall-kawza prezenti 745/2001.

Li d-dewmien tar-risposta CAJ Malta ghall-allegat funzjoni rregolari tal-Qorti ta' Malta hi biss biex iccahhad id-dritt ta' l-esponent li jirreferi applikazzjoni fil-Council of Europe, vjolazzjoni tal-Artikolu 5 Kap. 319. L-applikazzjoni lill-Council of Europe ta' l-esponent: Appl. No. 46281/06 'Grech v. Malta' kienet michuda f'Gunju, 2008. "A committee of three Judges (D.T. Bjorgvinsson, G. Bonello [Maltese Judge] and J. Sikuta), pursuant to Article 27 of the Convention, decided under Article 28 of the Convention to declare the application inadmissible because it did not comply with the requirement set out in Article 34 and 35 of the Convention"; Ghalhekk l-esponent jitlob li din il-Qorti tissalvagwardja d-drittijiet tieghu umani u fondamentali ghal smiegh xieraq kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Euro Convention tad-drittijiet umani fil-proceduri legali, Civil Case 480/2005, Criminal Case 28, 4th May, 2006 and Bailiffs Execution Warrant No 19/2007, hu jirtirhom;

Tezamina l-kaz tad-dewmien fil-process tieghu kriminali kaz 745/2001.

Tezamina l-kompetenza tal-Qorti li tohrog proceduri legali, Civil Case 480/2005, Criminal Case 28, 4th May 2006 and Bailiffs Execution Warrant No. 19/2007 meta l-kompetenza ta' l-istess Qorti qieghed fi proceduri legali

mill-esponent quddiem Kummissjoni ta’ l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja Malta u jistennew decizjoni.

Tezamina l-irregolaritajiet fil-proceduri legali Civil Case 480/2005, Criminal Case 28, 4th May 2006 skont il-ligi rigward Art. 89 Kap. 12, Art. 106, 107 Kap. 9.

Taghti lilu kull rimedju billi taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa ghal dan il-ksur skont artikolu 13 Kap. 319.

Tilqa’ t-talbiet ta’ l-esponent bl-ispejjez kontra l-intimat appellat.

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali, li in forza taghha eccepixxa illi:

In linea preliminari, ir-rikors odjern hu irritu u null stante li mhux redatt b’mod koerenti apparti li mhux iffirmat minn avukat kif rikjest fil-provvedimenti tal-Kap. 12. In sostenn ta’ din l-eccezzjoni, l-esponent qed jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet “*Bruce Clark v Registratur tal-Qorti*” deciza fit-28 ta’ Marzu 2006.

In linea preliminari ukoll, il-mertu tal-kaz odjern huwa *res judicata* stante li r-rikorrent kien diga’ ittenta jintavola rikors kwazi identiku fejn eccepixxa ksur ta’ l-istess Artikoli tal-ligi, liema Rikors gie michud mill-Ewwel Onorabbli Qorti bhala infondat, apparti li frivolu u vessatorju u sussegwentement l-appell intavolat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali gie dikjarat bhala null, fieragh u vessatorju.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu, ir-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt, guridikament insostenibbli u fattwalment skorretti stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet segwenti:

Il-Qorti kompetenti mxiet in ottemperanza mal-procedura kif stipulata fil-ligi peress li, a kuntrarju ta’ dak li qed isostni r-rikorrent, jirrizulta li ma kienx hemm dewmien irragjonevoli biex inghatat ix-xhieda ta’ l-Onorevoli Imhallef Gino Camilleri;

Illi jirrizulta li l-imsemmija proceduri kriminali ttawlu precizament minhabba dewmien kagunat mir-rikorrent stess. Fil-fatt, kien hemm ben 8 differimenti minhabba ragunijiet imputabbli lid-Difiza, apparti li fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2003, ir-rikorrent informa lill-Qorti tal-Magistrati li kien intavola proceduri Kostituzzjonali u ghal din ir-raguni, il-proceduri kriminali gew sospizi;

Il-proceduri kriminali ma setghux jigu ri-appuntati wara li kienu marru *sine die* pendenti l-ezitu tal-kawza Kostituzzjonali minhabba dewmien attribwit mir-rikorrent peress li jirrizulta li l-Pulizija Ezekuttiva sal-prezent, ma setghetx tinnotifika lir-rikorrent fl-indirizz ufficjali tieghu u cioe’ f’numru 15, Triq il-Kantur, Zejtun;

Illi jidher li l-azzjoni odjerna hija sempliciment tentattiv iehor sabiex ir-rikorrent jipprova jgib fix-xejn il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors odjern, stante li hu null kif ukoll frivolu u vessatorju, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hija decizjoni marbuta mal-validita’ tar-rikors promotorju peress li mhux iffirmat minn avukat. Dan il-punt gia’ gie deciz minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza “Clark vs Ir-Registratur tal-Qorti”,

deciza fit-28 ta’ Marzu 2006. Intqal hekk a propozitu ta’ din il-materja:

“*Waqt is-smiegh tar-rikors, l-intimat ressaq raguni ohra ghala r-rikors ghandu jitqies illi ma sarx sew u ma jiswiex; din ir-raguni hi illi r-rikors ma huwiex iffirmat minn avukat, kif irid l-Art. 178 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili:*

***178.** L-iskritturi u rikorsi guramentati jew le ghandhom ikunu ffirmati mill-avukat u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali.*

*Il-firma ta’ avukat tassew hija mehtiega ad validitatem u n-nuqqas taghha jwassal biex l-att jitqies null taht l-Art. 789(d) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili:*

***789.** (1) L-eccezzjoni ta’ nullita’ ta’ l-atti gudizzjarji tista’ tinghata –*

*(d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita’ essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Il-htiega li parti tkun mghejjuna minn avukat ma hijiex biss htiega ta’ formalita’ izda hija mehtiega fl-interess tal-heffa u l-efficjenza tal-proceduri gudizzjarji sabiex ma jinheliex hin fuq episodji procedurali li jitqanqlu ghax min ihejji l-att ma jaghmlux sew ghax ma jkunx jaf xi trid il-ligi tal-procedura. Il-ligijiet tal-procedura qeghdin hemm bi hsieb u ghalhekk ghandhom jitharsu; wara kollox, huwa ukoll, jew ghandu jkun, fl-interess ta’ min jipprezenta l-atti li l-kawza tieghu ma tigix arenata ghax, billi ma jafx sew il-procedura, l-atti tieghu ma jaghmilhomx kif ghandhom isiru.*

*L-eccezzjoni taht l-Art. 178 u 789 (1)(d) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili ghalhekk ghandha tintlaqa’.*”

Din il-Qorti, kif issa presjeduta, taqbel ma dan l-insenjament.

Din il-Qorti spjegat lir-rikorrent, il-konsegwenzi ta’ dak li ghamel u anke taghtu opportunita’ biex, forsi jipprova jissana r-rikors tieghu, izda r-rikorrent baqa’ fl-istess sitwazzjoni. Il-Qorti ddiregietu lejn provvedimenti tal-ligi li setghu jiggwidawh biex ikollu avukat jassistih, anke jekk ma jikkwalifikax ghall-ghajnuna legali, izda jidher li r-rikorrent ma uzufruwixxhiex ruhu mill-opportunita’ li taghti l-ligi biex jinhatarlu avukat meta dak li jkun “ma rnexxilux li jqabbad avukat jew prokuratur legali iehor” – Artikolu 89(2) tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Il-htiega ta’ avukat f’dawn il-proceduri hija essenzjali biex jiggwida lir-rikorrent kif iressaq u jitratta l-ilmenti tieghu, specjalment f’dan il-kaz meta talbiet kif elenkati f’dan ir-rikors kienu gia’ gew trattati u michuda mill-Qorti Kostituzzjonali fi proceduri ohra inizzjati mir-rikorrent (rikors 11/2003 deciz fil-31 ta’ Jannar 2005). Din il-Qorti ma tistax tirrevedi sentenza ta’ qorti ohra sakemm ma ssirx allegazzjoni ta’ smiegh mhux xieraq. Hu, ghalhekk, li r-rikorrent kellu bzonn li jinghata assistenza ta’ avukat, izda ghalkemm din il-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi, ir-rikorrent baqa’ ma hax passi biex jitlob din l-assistenza. Din il-Qorti ma tistax, ovvjament, taghmel xoghol ta’ parti fil-kawza, u, ghalhekk, ma ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara null ir-rikors tar-rikorrent u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors promotorju tar-rikorrent billi tiddikjara l-istess irritu null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------